TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 462/10

**Francis sive Frank u martu Mary sive May konjugi Galea**

**vs**

**Mr Noel Farrugia – Brittania Services Ltd.**

Illum 28 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mitejn u ħmistax-il ewro (€215), rappreżentanti prezz ta' xi nuqqasijiet li sabu meta marru għal vaganza lejn Nice li bbukjaw mas-soċjeta' intimata.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu marru vaganza lejn Nice u li kollox mar tajjeb, pero' meta marru għal eskursjoni fuq il-muntanji fl-aħħar ġurnata, il-*cable car* ma kinitx qed taħdem u għalhekk qed jitolbu l-ammont ta' mitejn u ħmistax-il ewro (€215).

Is-soċjeta' intimata issottomettiet illi t-tour għal dik il-ġurnata kienet ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75) u li fil-*brochure* ma kienx hemm indikat li kellu jkun hemm il-*cable car* parti mill-prezz.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li ra l-itinerarju, jinnota li fuqu ma jinkludix il-*cable car*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888